KUNSILL LOKALI BORMLA | IS-SEBA' KUNSILL

MINUTI | SEDUTA NRU. 25

**L-ERBGĦA 28 TA' MEJJU, 2014**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' b'urġenza nhar l-Erbgħa 28 ta' Mejju, 2014, fis-6.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħames Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Alison Zerafa Civelli, **il-Kunsilliera** Pablo Cachia Belli, Alfred Attard, Noyah Spiteri u Roderick Mamo.

L-Ambaxxatur, is-Sur Georvin Bugeja

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana

Skużati: **il-Viċi Sindku** Ivan Agius u l-Kunsillier James Cauchi

**AGENDA**

1. Kwotazzjonijiet 01/2014, 02/2014 u 03/2014

**TALBA**

**Is-Sindku Alison Zerafa Civelli** qalet it-talba.

**25/01** **Kwotazzjonijiet 01/20104; 02/2014; 03/2014**

25/01/01 Kwotazzjoni 01/2014 – Collection of Bulky Refuse in an Environmentally Friendly Manner

Il-Kunsill beda biex jiġġudka il-kwotazzjoni 01/2014 li għaliha tefgħu l-offerta is-Sinjuri Lino Micallef, Silvar Construction & Services u Brayden Azzopardi.

Il-Kunsill iddeċieda li ma jikkunsidrax l-offerta tas-Sur Brayden Azzopardi għax il-prezz ma kienx aċċetabbli filwaqt li m'aċċettax ukoll l-offerta tas-Sur Lino Micallef għax il-kunsill mhux sodisfatt bis-servizz li hu qed jagħmel fil-preżent.

Għaldaqstant il-kunsill unanimament approva li jaġġudika l-kwotazzjoni favur Silvar Construction & Services.

25/01/02 Kwotazzjoni 02/2014 - Street Sweeping and Cleaning in an Environmentally Friendly Manner

Il-Kunsill għadda biex jaġġudika l-kwotazzjoni 02/2014 li għaliha tefgħu l-offerta Euro Clean Waste Services, is-Sur Brayden Azzopardi, is-Sur Matthew Attard u Waste Collection Ltd.

Il-Kunsill għażel li ma jikkunsidrax l-offerti ta' Brayden Azzopardi, Matthew Attard u Waste Collection Ltd għax fil-fema tagħhom l-offerti jaqgħu taħt il-prekarjat.

Għaldaqstant il-Kunsill unanimament approva li jaġġudika l-kwotazzjoni favur il-Euro Clean Waste Services.

25/01/03 Kwotazzjoni 03/2014 - Contruction of Traffic Calmers

Il-Kunsill għadda biex jaġġudika kwotazzjoni 03/2014 li għalia tefgħu l-offerti s-Sinjuri Brayden Azzopardi, Silvar Construction and Services u B. Grima & Sons Ltd.

Wara konsiderazzjoni l-Kunsill unanimament approva li jaġġudika favur:

1) Silvar Construction & Services għat-traffic calmer tal-konkos fi Triq il-Polverista
2) B.Grima & Sons Ltd għat-traffic calmer tal-plastic biss mingħajr tabelli fi Triq l-Oratorju.

Wara li l-aġenda ġiet eżawrita il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa.

Alison Zerafa Civelli
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv

28 ta' Mejju, 2014

Sur Segretarju,

Ninfurmak li minħabba raġuni ta' xogħol, mhux ser ikun possibli għalija li nattendi għal-laqgħa b'urġenza illum 28 ta' Mejju, 2014.

Nitolbok tiskuzani.

Ivan Agius
Viċi-Sindku

RECEIVED
28 MAY 2014
Reg: 05/2029/1411

CONFIRMED SEEN

MAYOR:

EXEC. SEC.:

OTHER:

## Vella Lydon at DLG

**From:** Cauchi James at MTI-CSD
**Sent:** 28 May 2014 15:53
**To:** Cospicua Local Council at DLG; Alison Zerafa; Agius Ivan at DLG; Spiteri Noyah at MEIB; Pablo Cachia Belli; Attard Alfredo at DLG; roderick mamo
**Subject:** RE: Laqgha tal-Kunsill b'Urgenza

Gheziez, Segretarju, Sindku u kunsilliera kollegi,

Nirreferi, ghas-suggett imsemmi fejn hallejt sa issa sabiex nipprova li inkun prezenti li izda b`mod oggettiv qed nara li ser ikun impossibli inlahhaq. Nassigura li n-nuqqas tieghi mhux qed naghmlu b`kapric izda dovut minhabba impenji personali li ser johduli aktar hin milli previst. Pls, napprezza jekk nigi meqjus bhala skuzat !

Invista wkoll, li l-gimgha d-diehla jibda x-xahar ta Gunju, nifhem li jkun apprezzat jekk ic-cekk dovut lilna l-kunsilliera jigi approvat illum ukoll halli bhal prassi ta hafna Kunsilli inkunu nistghu nithallsu qabel s-Seduta li jmiss

Grazzi

James

-----Original Message-----
From: Loffreda Brian at DLG on behalf of Cospicua Local Council at DLG
Sent: Mon 26/05/2014 11:10
To: Alison Zerafa; Agius Ivan at DLG; Spiteri Noyah at MEIB; Pablo Cachia Belli; Cauchi James at MTI-CSD; Attard Alfredo at DLG; roderick mamo
Subject: Laqgha tal-Kunsill b'Urgenza

Agenda mehmuza

Kunsill Lokali Bormla

2A, The Rest,

St. Margaret Square

Cospicua BML 1202

Tel: 21 663030 / 21 665337

Fax: 21 672222

email: bormla.lc@gov.mt

RECEIVED 28 MAY 2014
Reg: 05/2025/141
CONFIRMED SEEN
MAYOR:
EXEC. SEC.:
OTHER: